MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 9(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 3 ta' Lulju 2013, fil-5:30 p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Stephen Caruana (S.C.) |
| | Carmelo Bugjea (C.B.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |

| | |
|---|---|
| **Segretarju Eżekuttiv** | Duncan Hall (D.H.) |

**Aġenda għal-laqgħa :**

---

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Ingagg ta' skrivana – Hatra ta' membri fuq il-bord ta' interviews
6. Fixed assets register- Write Offs
7. Bye Law dwar swieq fil-berah u tqeghid ta' mwejjed u siggijiet
8. Latrini pubblici – sejha ghal expression of interest
9. Hrug ta' sejha ghall-offerti ghall-Gbir ta' skart goff (Tender MXLC04/2013)
10. Hrug ta' sejha ghall-offerti ghal Street Sweeping and Cleaning (Tender MXLC05/2013)
11. Implimentar ta' bye-law dwar attivitajiet fil-berah
12. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
13. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

## 1. <u>Qari tal-Minuti</u>

1.1 Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti, Seduta Numru 8 (2013) kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-Minuti ittieħdu bħala moqrija

1.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech issekondata mis-Sur Edric Micallef unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

## 2 Arisings mill-Minuti

2.1 Ma kienx hemm

## 3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

3.1 Is-Sindku qal li kien gie avvicinat minn membri tas-segretarjat tal-Prim Ministru bil-ghan illi ssir laqgha tal-kabinett gewwa l-lokalita'. Huwa zied jghid illi kien qieghed jigi propost illi l-kabinett nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju 2013 fl-10:00a.m. gewwa s-sala parrokkjali. Min-naha tieghu, il-Kunsill Lokali kien ser jinghata l-opportunita' illi fl-ewwel nofs siegha tas-seduta iressaq il-kunsiderazzjonijiet u pjanijiet tieghu ghal-lokalita'. Is-Sindku heggeg lill-Kunsilliera prezenti sabiex jattendu ghal din l-attivita'

3.2 Is-Sur Edric Micallef qal li kien gie kkuntattjat minn rapprezentanti ta' Green MT sabiex hekk kif deciz isiru *collection points* ghal skart riciklabbli matul Xatt is-Sajjieda nhar ta' Hadd. Is-Sindku qal illi Green MT kienet qieghda tipproponi illi matul Xatt is-Sajjieda ikun hemm erba siti li fihom jingabar l-iskart riciklabbli. Kull sit kien ser ikun kompost minn zewg *skips*. Wara diskussjoni libera dwar din it-tema kien hemm qbil unanimu illi din l-inizjativa kellha tigi varata sabiex il-Kunsill ikun jista' jevalwa s-sitwazzjoni.

3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien inghata bidu ghal xogholijiet fi Triq Melqart mill-Gvern Centrali. Huwa zied jghid illi l-kuntrattur maghzul kien diga' beda jaqla' l-bankina tat-triq imsemmija. E.M. qal illi kien qieghed izomm kuntatt mal-periti responsabbli mit-triq sabiex kemm il-darba ikun possibbli isiru wkoll xi *traffic calmers*. Dan peress illi fl-opinjoni tieghu hekk kif il-wicc tat-triq jinghata tarmac gdid, bosta sewwieqa kienu ser jghaddu minn Triq Melqart b'velocita' eccessiva.

3.4 Is-Sur Edric Micallef qal illi f'isem il-Kunsill Lokali kien talab lil Transport Malta sabiex isir xoghol ta' patching fi Triq Delimara. B'rizultat ta' dan Transport Malta kienet ikkonfermat illi kienet ser taghmel ix-xogholijiet mitluba flimkien ma' xoghol ta' patching fi Triq Melqart. Is-Sindku zied jghid illi minhabba l-fatt illi fi Triq Melqart kien ghaddej xoghol li kien jinkludi wick gdid bl-*asphalt*, il-Kunsill Lokali kien talab lil Transport Malta tevalwa l-possibilita' illi jsir patching fi Triq iz-Zejtun. Risposta ghal din it-talba kienet ghadha ma inghatatx.

3.5 Is-Sindku qal illi flimkien mal-Kunsillier Angelo Micallef kien attenda ghal *scoping meeting for evaluation* relatat mal-*Environment Impact Assessment* (EIA) b'konnessjoni ma' l-estesjoni ta' l-impjant tal-power station gewwa Delimara.

3.6 Is-Sindku qal illi wara li kien innota illi kien hemm diversi anomaliji dwar il-mod ta' operat tas-Suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd deherlu li kellha tibda' tittiehed azzjoni sabiex dan ta' l-ahhar jigi regolarizzat kemm jista' jkun. Ghal dan il-ghan, kienu saru xi modifiki fil-lista ta' bejjiegha li joperaw fis-suq fil-berah. Dawk il-bejjiegha li kienu gew imcaqilqa (minhabba li l-posta taghhom kienet habtet fi skal ghas-sajjieda) miz-zona tal-monti ghal dik tal-maghluq kienu gew impoggija f'lista ghalihom sabiex hekk kif ikun hemm posta battala fil-konfini tas-suq fil-berah jigu mcaqilqa. B'rizultat ta' din l-inizjativa' kienu diga' gew imcaqilqa xi bejjiegha.

Is-Sindku qal illi l-perit appuntat sabiex ihejji l-pjanta tas-suq fil-berah kien ressaq il-proposta tieghu dwar kif ghandhom jigu mqassma l-posti. Wara li pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-pjanta li kien ippropona l-Perit William Lewis, is-Sindku talab lill-Kunsilliera jevalwaw id-dokument sabiex dan ikun jista' jigi diskuss. Eventwalment, kien hemm diskussjoni libera dwar din it-tema li matula giet deciz illi jsiru xi modifiki fuq il-proposta tal-Perit. Finalment kien hemm qbil unanimu illi l-modifiki proposti kellhom jghaddu ghand il-perit sabiex ikun jista' jinkludihom fil-pjanta proposta. Sussegwentement imbaghad il-Kunsilliera ikunu jistghu jaghmlu l-evalwazzjonijiet finali.

3.7 Is-Sindku qal illi kien gie kkuntattjat mill-Onor. Ministru Conrad Mizzi rigward laqgha li l-istess Ministru xtaq illi jkollu mal-Kunsill Lokali. Is-Sur Edric Micallef qal illi l-Kunsill Lokali kien diga' gie avvicinat sabiex issir il-laqgha msemmija, izda sfortunatament l-istess laqgha kienet giet imhassra. Is-Sur Angelo Micallef qal illi huwa ma kienx konxju dwar il-proposta tal-laqgha li kienet ser tinzamm. Wara diskussjoni qasira dwar din it-tema kien hemm qbil unanimu illi kellha tintalab laqgha b'mod ufficjali mal-Onor. Conrad Mizzi.

## 4 <u>Korrispondenza</u>

4.1 Permezz ta' e-mail datat 27 ta' Mejju 2013, indirizzata lill-Perit Christopher Cachia mill-Ministeru ghat-Traport u Infrastruttura il-Kunsill Lokali kien ressaq l-ilmenti tieghu rigward id-dawl ta' Xatt is-Sajjieda, li fl-opinjoni tal-Kunsill Lokali ma kienx adegwat u l-fatt li tinda li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda kienet inqalghet u ma regghetx twahhlet waqt il-progett ta' tisbih ta' Xatt is-Sajjieda li kien sar mill-Gvern Centrali.
Is-Segretarju Ezekuttiv informal ill-Kunsilliera illi b'rizultat ta' din il-korrispondenza kien gie kkuntattjat mill-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura sabiex jintalab aktar dettalji dwar it-temi msemmija.

4.2 Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Mejju 2013, il-Kunsill Lokali talab lis-Sur James Piscopo f'isem Transport Malta jikkonferma illi x-xoghol mitlub mill-Kunsill Lokali fi Triq l-Arznell, kien ser isir matul is-sena 2013 hekk kif imwieghed.
Is-Sur James Piscopo, permezz ta' e-mail datat 30 ta' Mejju 2013, informa lill-Kunsill Lokal illi Transport Malta kienet qieghda tevlwa r-rizorsi li kellha ghall-2013 sabiex ikun jista' jaghti risposta lill-Kunsill Lokali

4.3 Permezz ta' ittra datata 19 ta' Gunju 2013, is-Sur Alfred Frendo, proprjetarju ta' l-istabbiliment Café De' Paris li kien jinsab gewwa Xatt is-Sajjieda talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhariglu permess sabiex matul ix-xhur tas-Sajf ikun jista' jikri servizz ta' pjanist ghal quddiem l-istabbiliment tieghu. Is-Sur Frendo specifika illi l-attivita' kienet ser issir kull nhar ta' gimgha bejn is-7:00 p.m. u l-11:00 p.m. u l-pjanu kien ser ikun qieghed jitpogga fuq il-bankina man-naha tal-bahar fil-konfini ta' l-art illi kien solitament juza ghall-imwejjed u s-siggijiet.
Wara diskussjoni qasira dwar din it-tema, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Frendo sakemm l-attivita' tinzamm fiz-zona mikrija lilu mid-Dipartiment ta' l-Artijiet u ma tkun qieghda tikser ebda ligi.

4.4 Permezz ta' e-mail datat 13 ta' Gunju 2013, is-Sinjura Carmen Scicluna, librara fil-librerija tal-lokalita' talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi ghax-xhur tas-sajf, hekk kif sehh fil-passat, isiru sessjonijiet ta' *storytelling* gewwa l-librerija. Kemm il-darba ikun possibbli il-librara talbet ukoll is-Sinjorina Jessica Caruana tkun tista' taghmel xoghol ta' *assistant librarian* ghax-xhur tas-sajf.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi minn informazzjoni li kienet ghaddietlu s-Sinjura Scicluna kien tard wisq sabiex jigu organizzati sessjonijiet ta' *story*

*telling*. Ghaldaqstant, il-Kunsill kellu jiddiskuti biss it-talba ghal assistant librarian li kienet ghamel l-istess librara.Wara diskussjoni libera dwar din it-tema kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellux isib oggezzjoni ghat-talba tal-librara. Dan sakemm ir-rata ta' hlas tkun dik tas-snin precedenti u l-ispiza tigi llimitata kemm jista' jkun.

4.5 Permezz ta' e-mail datat 18 ta' Gunju 2012, is-Sindku talab formalment lis-Sur James Piscopo, f'isem Transport Malta jevalwa l-possibilita' illi fi Triq Delimara u l-madwar isir patching peress li l-istat ta' din it-triq kien wiehed hazing hafna.
Is-Sur Edric Micallef informa lill-Kunsill Lokali illi rizultat ta' dan Transport Malta kienet ikkonfermat illi kienu ser isiru x-xogholijiet mitluba.

4.6 Permezz ta' ittra datata 27 ta' Mejju 2013, is-Segretarju Ezekuttiv talab lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jevalwa l-possibilita' illi kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu mas-Sur Francis Camilleri ghall-gbir ta' skart domestiku jigi estiz. Dan peress illi kien hemm appell dwar sejha ghall-offerti ghal dan ix-xoghol
Is-Sur Duncan Hall informa lill-Kunsill Lokali illi is-Sur Fabian Galea, f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien ikkonferma illi l-Kuntratt tas-Sur Camilleri seta' jigi estiz sakemm tittiehed decizjoni dwar l-appell imsemmi.

4.7 Permezz ta' e-mail datat 24 ta' Gunju 2013, Fr.Mario Mangion, kappillan tal-lokalita' talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi ssir laqgha sabiex ikunu jistghu jigu diskussi temi relatati mal-festa tal-lokalita'. Fr.Mangion talab ukoll permess lill-Kunsill Lokali sabiex ikun jista' jintuza d-dawl tal-Kunsill Lokali halli tinxteghel il-faccata tal-parrocca u sabiex kemm il-darba ikun possibbli issir bankina zghira quddiem nicca ta' Gesu' Redentur fi Triq iz-Zejtun.
Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu isib ebda oggezzjoni ghat-talbiet ta' Fr.Mangion. Is-Sur Edric Micallef informal ill-Kunsill Lokali illi l-laqgha mitluba minn Fr.Mangion kiene inzammet u kien intlehaq qbil dwar l-arrangamenti li kien jinhtieg isiru ghall-festa tal-lokalita'.

4.8 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi fuq talba tal-Kunsill Lokali is-Sur Godwin Warr kien baghat xi kjarifiki rigward l-operat tas-Swieq fil-berah. Is-Sur Warr kien ghamilha cara illi trasfertiment ta'posti ma kienx permessibbli hlief ghal xi eccezzjonijiet.

4.9 Permezz ta' e-mail datat 27 ta' Gunju 2013, is-Sur Salvu Debono, f'isem l-ghaqda *Classic Ford Malta*, talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex l-ghaqda tieghu tkun tista' ttella' wirja ta' karozzi (madwar 40) fi Pjazza Madonna ta' Pompei.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi filwaqt li fil-principju l-Kunsill Lokali kien jaqbel ma tali inizjativi, kellu jigi identifikat sit alternattiv ghal din l-attivita' sabiex jigi evitat illi jinholoq inkonvenjent bl-izgombru li tali attivita kienet tohloq. Finalment, intlehaq qbil illi *Classic Ford Malta* kellha tigi infurmata illi l-attivita' setghet tittella' gewwa Xatt is-Sajjieda quddiem l-istabbiliment South Port.

4.10 Permezz ta' e-mail datat 28 ta' Gunju 2013, il-Kunsill Lokali talab lill-Perit Audrey Testaferrata Denoto f'isem Transport Malta tevalwa l-possibilita' illi waqt li jkun ghaddej xoghol li Transport Malta kienet qieghda twettaq fi Triq Melqart tigi implimentata wkoll talba ghal traffic calmer fi Triq San Guzepp.
Is-Sindku spjega kif il-Kunsill Lokali kien diga' kiseb permess ghal din it-*traffic calmer*. Il-Perit David Vassallo kien ikkonferma illi Transport Malta kienet ser timplimenta t-talba tal-Kunsill Lokali.

4.11 Permezz ta' E-mail datat 27 ta' Gunju 2013, is-Sur Ray Abela f'isem TCTC Malta informa lill-Kunsill Lokali illi kien hemm xi individwi li kienu applikaw ghall-kors IKIDS li l-istess kumpanija kienet ser tkun qieghda toffri. Is-Sur Abela zied jghid illi peress li l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk ma kienx bi hsiebu jtella' l-korsijiet, l-applikanti kienu avvicinaw lill-Kunsill Lokali taz-Zejtun. Is-sur Abela informal ill-Kunsill Lokal illi TCTC malta kienet disposta torganizza l-korsijiet imsemmija gewwa Marsaxlokk kemm il-darba il-Kunsill Lokali jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jzomm mad-decizjoni originali li kien ha u cioe' illi ma jissehibx f'din l-inizjativa. Is-Sur Abela kellu jigi infurmat dwar dan.

4.12 Permezz ta' ittra datata 10 ta'Gunju 2013, is-Sur Angelo Baldacchino f'isem l-Ghaqda Muzikali Pompei wera x-xewqa illi l-ghaqda Pompei u l-Kunsill Lokali jissiehbu sabiex jittella' program muzikali possibilment fix-xahar ta' Awissu 2013 sabiex jahbat ma' zmien il-festa titular.

Kien hemm diskussjoni libera dwar din it-tema li matulha gew diskussi fost l-ohrajn is-sehem tal-Kunsill Lokali fl-attivita' u z-zmien propost. Finalment, fuq proposta tas-Sur Edric Micallef issekondata mis-Sur Steven Grech u li ghaddiet b'votazzjoni unanima kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ghandu jissieheb ma' l-ghaqda muzikali Pompei sabiex tittella' l-attivita' msemmija sakemm in-nefqa tal-Kunsill Lokali ma taqbizx €650.

4.13 Permezz ta' ittra datata 25 ta' Gunju 2013, l-ufficcju ta' l-Ombudsman informa lill-Kunsill Lokali illi s-Sinjura/ina Fatima Grixti f'isem Shainick Ltd. kienet tablet illi kaz dwar karru ta' dghajsa li kien tnehha mill-Kunsill Lokali jerga' jinfetah. Dan ghaliex fl-opinjoni ta' Shainick Ltd., il-Kunsill Lokali ma kienx osserva l-ligijiet meta' nehha l-karru msemmi.

Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jibghat ir-risposta tieghu ghal din l-ittra

## 5 <u>Ingagg ta' skrivana – Hatra ta' membri fuq il-bord ta' interviews</u>

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien jinhtieg illi jinhatar bord sabiex jaghmel l-interviews lill-kandidati ghal ingagg ta' skrivan/a fuq bazi *full-time* fi Skala 15. Dan sabiex hekk kif il-Kunsill ikollu l-informazzjoni dwar l-applikanti f'idejh ikunu jistghu isiru l-interviews.

Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, minghajr ma jaghti l-impressjoni li fil-hdan il-Kunsill Lokali ma kienx hemm persuni kompetenti, il-Kunsill Lokali kellu javvicina lil ANSEK sabiex kemm il-darba ikun possibbli din l-organizzazzjoni tinnomina tliet Segretarji Ezekuttivi minn Kunsilli Lokali sabiex flimkien mas-Sur Duncan Hall jifformaw il-bord li jaghmel l-interviews. Is-Sur Micallef zied jghid illi l-Kunsill Lokali xorta wahda kien ser ikun f'pozizzjoni li jevalwa hidmet il-bord ghaliex finalment kellu japprova r-rakkomandazzjoni tieghu. Wara diskussjoni libera dwar din il-materja kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jadotta s-sistema proposta mis-sur Micallef.

## 6 <u>Fixed Assets Register – Write Offs</u>

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kien qieghed jiehu hsieb jaggorna l-fixed assets register (FAR) tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Hall zied jghid illi ghal dan il-ghan kien qieghed jghaddi lill-Kunsilliera dokument li kien jelenka numru ta' assets li ma kienux ghadhom fi stat li jintuzaw jew inkisru sabiex il-Kunsill Lokali japprova t-tnehhija taghhom mill-FAR.

Fuq proposta tas-Sur Carmelo Bugeja li giet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u li ghaddiet b'votazzjoni unanima, il-Kunsill approva t-tnehhija tal-assets mill-FAR hekk kif propost fuq id-dokument imsemmi li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti.

## 7 Bye-Law dwar swieq fil-berah u tqeghid ta' mwejjed u siggijiet

7.1 Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, kellu jkun hemm rabta ekonomika bejn il-Kunsill Lokali u entitajiet kummercjali li kienu joperaw mil-lokalita'. Huwa zied jghid illi fil-fehma tieghu kemm il-darba tigi introdotta din ir-rabta, il-Kunsill Lokali kien ser ikollu interess illi jara illi l-entitajiet ekonomici tal-lokalita' jipprosperaw u ghaldaqstant ikun hemm aktar kollaborazzjoni miz-zewg nahat. Ghal dan il-ghan, is-Sur Micallef qal illi huwa kien ta' l-opinjoni illi l-Kunsill Lokali kellu jipproponi illi tidhol fis-sehh bye-law li tirregola s-swieq fil-berah u mwejjed u siggijiet li jitpoggew fuq art pubblika. Is-Sur Micallef ghadda biex jaqra abbozz li kien hejja f'dan ir-rigward.

Wara diskussjoni libera dwar din il-materja, fuq proposta tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondata mis-Sur Edric Micallef kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali jniehdi l-process sabiex tidhol fis-sehh il-bye-law proposta mis-Sur Micallef.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser jiehu hsieb johrog l-avvizi fuq il-gurnali u l-gazzetta tal-Gvern sabiex il-pubbliku jinghata tliet gimghat cans sabiex iressaq il-kunsiderazzjonijiet u kummenti tieghu dwar l-abbozz tal-*bye-law* hekk kif stipulat fil-ligi

## 8 Latrini Pubblici – Sejha ghal expression of interest

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi flimkien mas-Sindku kien iddiskuta bye-law li kienet qieghda tigi proposta ghal-lokalita' dwar latrini pubblici ma' rapprezentanti tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u s-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali u Kultura. Is-Sur Hall zied jghid illi l-Kunsill Lokali kien gie nfurmat illi sabiex jimplimenta l-pjanijiet tieghu ghal-latrini pubblici ma kienx hemm mil-bzonn li tigi intodotta bye-law gdida. Dan peress li s-sistema li kien qieghed jippropni l-Kunsill Lokali ma' kienet ser tivolvi ebda dhul finanzjarju ghall-Kunsill Lokali. Madanakollu, il-Kunsill Lokali gie mheggeg jaghmel kuntatt mad-Dipartiment ta' l-artijiet sabiex jigu ccarati problemi ta' devoluzzjoni kemm il-darba kien hemm.

Is-Sindku qal illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet baghtet e-mail lid-Dipartiment ta' l-Artijiet hekk kif propost u l-Kunsill Lokali kien ghadu qieghed jistenna risposta. Fil-frattemp kienu ghaddejjin il-preparamenti sabiex jigi ppreparat id-dokument ghas-sejha ta' espressjoni ta' interess sabiex hekk kif tigi ccarata l-kwistjoni ta' proprjeta' ta' l-art din tkun tista' tigi ppublikata.

## 9 Hrug ta' sejha ghall-offerti ghall-gbir ta'skart goff (MXLC04/2013)

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ghall-gbir ta' skart goff kien wasal biex jintemm u kien jinhtieg illi jibdew il-preparamenti sabiex tinhareg sejha ghall-offerti gdida ghal dan is-servizz. Kien hemm diskussjoni libera dwar din it-tema li matulha gie stabbilit illi s-sistema li kienet qieghda tithaddem kienet wahda efficjenti u l-Kunsill Lokali kellu johrog sejha mill-gdid ibbazata fuq l-istess qafas. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi flimkien ma' l-amministrazzjoni kien ser jibda' jahdem fuq id-dokument tas-sejha ghall-offerti.

## 10 Hrug ta' sejha ghall-offert ghal Street Sweeping and Cleaning (Tender MXLC05/2013)

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill lokali illi l-Kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ghall-knis u tindif ta' toroq li jaqghu taht ir-responsabilta' tieghu kien wasal biex jintemm u kien jinhtieg illi tinhareg sejha ghall-offerti mill-gdid.
Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu is-sejha ghall-offerti ghal dan is-servizz kellha titlob lill-Kuntratturi jispecifikaw l-ammont ta' haddiema li kienu ser ikunu qieghdin iwettqu x-xoghol. Dan peress illi l-kuntrattur li kien qieghed iwettaq ix-xoghol kien qieghed jalloka haddiem wiehed biss ghal-lokalita' u l-livell ta' ndafa milhuq mhux dejjem kien qieghed jilhaq l-aspettativi tal-Kunsill Lokali. Kien hemm diskussjoni libera dwar din it-tema li matulha gie diskuss fost l-ohrajn, l-ammont ta' haddiema li l-Kunsill Lokali kellu jitlob li jkunu assenjati fuq il-kuntratt. Finalment, kien hemm qbil unanimu li l-amministrazzjoni kellha tahdem fuq id-dokument tas-sejha sabiex il-Kunsill Lokali ikun jista' jevalwa din il-materja.

## 11 Implimentar ta' bye-law dwar attivitajiet fil-berah

11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bye-law li l-Kunsill Lokali kien ippropona dwar attivitajiet fil-berah kienet giet approvata u konsegwenza ta' dan kienet dahlet fis-sehh. Ghal dan il-ghan kienu ser jigu ordnati tabelli sabiex jitwahhlu f'zoni differenti gewwa l-lokalita' bil-ghan illi jindikaw l-attivitajiet li ma jistghux isiru u dawk li jinhtiegu permess mill-Kunsill Lokali.

## 12 Approvazzjoni ta' hlasijiet

12.1 Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja u li giet issekondata mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti li huma inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti (Skeda 07/2013) li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti

## 13 Affarijiet Ohra

13.1 Is-Sur Stephen Caruana qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb illi hekk kif sehh fil-passat iqabbad kuntrattur inaddaf Pjazza Madonna ta' Pompei u Xatt is-Sajjieda fil-granet tal-festa. Kien hemm qbil unanimu illi l-amministrazzjoni kellha tiehu hsieb tigbor stima ghal dan ix-xoghol sabiex kemm il-darba ikun possibbli jsir it-tindif li kien ippropona s-sur Caruana

13.2 Is-Sur Stephen Caruana qal illi kien jinhtieg li l-Kunsill Lokali jiehu decizjoni dwar xi temi relatati mal-festa tal-Madonna ta' Pompei li kienet ser tahbat nhar il-Hadd 4 ta' Awissu 2013. Huwa zied jghid illi fost l-ohrajn kien jinhtieg li tittiehed decizjoni rigward il-permessi tal-kioks ghall-granet tal-festa kif ukoll dwar l-*iskips* li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda.
Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq l-esperjenza tas-snin imghoddija u javza lis-sidien ta' l-istabbilimenti ta' Xatt is-Sajjieda sabiex inehhu l-iskips minn fuq il-post matul tmiem il-gimgha. Filwaqt li kien hemm qbil unanimu dwar din il-materja, qamet diskussjoni libera dwar il-permessi tal-*kiosks* li jinhargu ghal zmien il-festa. Fost l-ohrajn issemma l-fatt illi fiz-zona li solitament kienet tintuza ghall-gabbani fi zmien il-festa kienu fethu numru ta' stabbilimenti u konsegwentement ma kienx ser ikun hemm distanza ta' hamsin metri bejn l-istess stabbilimenti u l-gabbani u kiosks. Finalment fuq proposta tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondat mis-Sur Stephen Caruana kien hemm qbil unanimu ghall-2013, il-Kunsill Lokali kellu johrog biss permessi ghal *kiosks* u gabbani li jbieghu toys u oggetti ohra u ma kellhomx jinhargu peremessi ghal bejgh ta' ikel u xorb.

13.3 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jibghat ittra lill-bejjiegha tas-Suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd sabiex hekk kif sar fil-passat, izarmaw il-posta

taghhom qabel is-2:00p.m. ghax-xhur tas-sajf. Kien hemm qbil illi l-amministrazzjoni kellha tiehu hsieb tibghat avviz lill-bejjiegha hekk kif propost mis-Sur Grech

13.4 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi jnaddaf Xatt is-Sajjieda wara l-operat tas-Suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd. Dan peress illi kien qieghed ikun hemm kwantita' konsidereoli ta' skart li kien qieghed jithalla fuq is-sit mill-bejjiegha. Kien hemm diskussjoni libera dwar din il-materja u fost l-ohrajn issemma l-fatt illi kellhom ikunu l-istess bejjiegha li jhallu s-sit nadif wara l-operat taghhom. Is-Sur Grech talab lill-Kunsilliera prezenti jevalwaw il-possibilita' illi jsir it-tindif permezz ta' haddiema li l-Kunsill Lokali kellu assenjati mieghu. Wara diskussjoni qasira dwar din il-materja, is-Sur Steven Grech ressaq proposta sabiex il-Kunsill Lokali inaddaf Xatt is-Sajjieda wara l-operat tas-Suq fil-berah kull nhar ta' Hadd permezz tal-haddiema li kellu assenjati mieghu. Din il-proposta ma sabitx sekondant.

13.5 Is-Sur Stephen Caruana qal illi kien qieghed jinnota illi kien qieghed ikun hemm diversi taxis ipparkjati fi Triq Xatt is-Sajjieda biswit Pjazza Madonna ta' Pompei. Huwa zied jghid illi minkejja li fi Triq Duncan kien hemm *parking bay* riservata ghal taxis, kien qieghed ikun hemm diversi taxis ipparkjati quddiem il-parking bay imsemmija f'postijiet li ma kienux allokati ghall-parkegg.
Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali kellu jibghat e-mail lis-Sur Ronald Attard Pullicino f'isem Transport Malta rigward din il-materja.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha 7 ta' Awissu 2013 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| **Edric Micallef**<br>**Sindku** | **Duncan Hall**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data :**